Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 29/2015

**Eileen Leone Ganado [I.D. 543547 M] (appellanta)**

**u**

**Link School of Languages Limited [C 14840] (appellata)**

28 ta' April, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Dan il-każ jirrigwarda terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti mill-kumpannija intimata Link School of Languages Limited.

2. Permezz ta' dikjarazzjoni tal-fatti datata 25 ta' Settembru 2012, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara t-tkeċċija mill-impieg tagħha bħala *EFL Teacher* mal-iskola intimata ma sarx għal raġuni valida skont il-liġi.

3. Il-kumpannija intimata wieġbet illi l-allegazzjoni ta' tkeċċija nġusta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u talbet lit-Tribunal sabiex jiċħad kwalsiasi talba li ssirlu mir-rikorrenti.

4. Permezz ta' deċiżjoni datata 30 ta' Ottubru, 2015, it-Tribunal Industrijali kkunsidra li l-mod kif aġixxiet ir-rikorrenti meta faċċjata minn rikjesta leċita tas-superjuri tagħha kien inaċċettabbli u kien jikkostitwixxi *gross insubordination* li jimmerita terminazzjoni tal-impieg. Konsegwentement it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi u għalhekk ċaħad it-talba tar-rikorrenti.

5. Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza. L-aggravji tagħha jikkonsistu fis-segwenti:

*"1. Illi t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta ddeċieda li l-allegat komportament tal-appellanta kien jammonta għal gross*

*insubordination u li per konsegwenza r-raġuni tat-terminazzjoni kienet għalhekk tajba u biżżejjed skont il-liġi. In oltre', jidher ċar li fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal skarta għal kollox il-fatt li fix-xhieda tal-appellanta hija dejjem ċaħdet kategorikament li qalet dak il-kliem u/jew rrendiet ruħha ħatja ta' gross insubordination;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-Tribunal Industrijali kien skorrett meta skarta għal kollox l-insenjament ġuridiku u l-ġurisprudenza nostrana li tobbliga lil min iħaddem li tissottoponi lill-impjegat għal process transparenti ta' smiegħ xieraq fil-kwalita' ta' xi forma ta' proċess transparenti ta' dixxiplina;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwé każ, ir-raġuni li ta t-Tribunal ma kinitx waħda suffiċjenti sabiex tasal għal konklużjoni li t-tkeċċija kienet waħda ġusta u dan għaliex l-motiv tal-liċenzjament ma kienx abitwali jew ta' ċerta gravita', tant li l-inċident li wassal għal din il-pendenza kien wieħed iżolat, u ma kienx hemm lanqas il-proporzjonalita' bejn is-sanzjoni estrema tal-liċenzjament u l-infrazzjoni addebitata lill-appellanta, u dan iktar u iktar meta qabel ma kienx hemm ebda twissija lill-appellanta".*

6. Permezz ta' risposta ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2015, il-kumpannija intimata wieġbet is-segwenti:

*"1. Illi l-Artikolu 82 (3) tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) tagħħilha ċara li fil-każi ta' tkeċċija allegatament mingħajr kawża ġusta, ikun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell ġie ntavolat b'mod frivolu stante li huwa evidenti li l-appellanti ma għogobiex l-eżitu tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u għalhekk qed isir it-tentattiv biex tappella mid-deċiżjoni;*

*2. Illi minghajr pregudizzju għas-suespost is-socjeta' appellata tirrileva li t-tkeċċija mill-impjieg saret fuq dixxiplina u li permezz tal-aġir tagħha ma kienx hemm lok għal ebda ġustifikazzjoni. Ir-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-soċjeta' intimata mit-2 ta' Jannar 2001 sas-27 ta' Gunju 2012. L-imġieba u l-attitudni tar-rikorrenti nbidlet drastikament fl-aħħar sena ta' l-impjieg tagħha u kienet involuta f'diversi xenati ta' aggressivita' u użu ta' kliem vulgari sia fil-kurituri ta' l-iskola u kif ukoll ġewwa l-klassi li diffiċli jiġu ġġustifikati. Dan l-aġir xehedu dwaru diversi xhieda ... ;*

*Dan l-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti ma kienx kas wieħed iżolat fejn ir-rikorrenti kienet aggressiva lejn il-kollegi u superjuri tagħha. L-appellanti ma kenitx tieħu awtorita'. Kienet tinjora struzzjonijiet tas-superjuri tagħha sia meta kienet tiġi mitluba ma titkellimx ma' studenti fuq politika u kif ukoll meta kienet ngħatat struzzjonijiet diversi drabi biex jew tixgħel l-airconditioner jew inkella żżomm it-tieqa miftuħa iżda mhux it-tnejn;*

*3. Illi mhux minnu li s-soċjeta' appellata riedet teħles mill-appellanti kif allegat hi. L-appellanti sa mill-bidu tal-impjieg tagħha kellha kuntratt casual part time jiġifieri ma kienx hemm stipulat numru ta' siegħat fissi u allura s-soċjeta' appellata setgħat sempliċiment tnaqqas in-numru ta' lectures tal-appellanti jew saħansitra twaqqafhom għal kollox. Apparti minn hekk l-appellanta kienet ilha li laħqet l-eta' tal-irtirar, u nżammet mis-socjeta' appellata li kellha dritt twaqqafha. Dan ifisser li, li kieku riedu jeħilsu minnha bħalma allegat hi, kull ma kellhom jagħmlu, ai termini tal-liġi, hu li jagħtuha notice of termination of employment;*

*4. Kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanta, l-Onorabbli Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu daħal fid-dettall. Mhux minnu li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta ddeċieda li l-komportament tal-appellanta kien jammonta għal gross insubordination u li per konsegwenza r-raġuni tat-terminazzjoni kienet għalhekk tajba u biżżejjed skont il-liġi. L-appellanta tkeċċiet fuq dixxiplina peress li wżat aggressivita' u kliem dispreġġjattiv fil-konfront tal-prinċipal tagħha fil-klassi, u dan quddiem żewg studenti tfal ta' eta tenera ta' tnax (12) u seba' (7) snin. Werwrithom u bikkiethom. Dawn ma attendewx iktar l-iskola minkejja li kellhom mħallas bil-quddiem. Dan l-aġir, it-Tribunal qabel, huwa gross insubordination li jimmreita tkeċċija;*

*5. Kien biss fl-aħħar seduti permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet u fit-trattazzjoni finali li l-appellanti għamlet talba lit-Tribunal Industrijali;"*

**Ikkunsidrat:**

7. Illi mill-atti jirriżultaw s-segwenti fatti:

- L-appellanta bdiet l-impieg tagħha mal-Link School of Languages Ltd fit-2 ta' Jannar 2001 bħala *part time* EFL Teacher, ċioé xogħol ta' tagħlim, anké fl-livell avvanzat, tal-lingwa Ingliża lill-barranin.

- Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-kumpannija intimata tterminat l-impieg tal-appellanta. Hija irċeviet ukoll ittra f'dan is-sens mingħand il-*Malta Employers Association* f'isem Link School of English datata 12 ta' Lulju 2012[1], li biha ġiet infurmata li:

  *"1) Very recently you have shown lack of integrity and manners in front of two students. You behaved and spoke to Ms Gillian Degaetano, your employer, in a fashion not befitting your position in the School. This is considered as gross insubordination and not tolerated by the School.*

[1] 'Dok A1' a fol. 14 tal-proċess.

*2) Morevoer it transpired that you contacted your employer's clients directly to teach them privately. This shows a clear conflict of interest on your part and your interest are in direct competition with Link School of English and the services it offers....*

*You are hreby being notified that your employment with the school is being terminated with immediate effect"*.

- **Gillian De Gaetano**, Direttur tal-iskola intimata, xehedet[2] li għalkemm l-iskola kellha pjaċir bir-rikorrenti bħala għalliema, fl-aħħar sitt (6) xhur qabel it-terminazzjoni tal-impieg tagħha kien hemm żvolta totali fl-atteġġament tagħha. Kienet bdiet tgħolli leħinha ma min jikkoreġiha anké fil-preżenza tal-istudenti. Fil-fatt ġiet imwissija dwar dan.[3] Inoltré, sajf u xitwa, l-appellanta kemm-il darba xegħelet l-*airconditioning full on* bit-twieqi tal-klassi miftuħin u l-iskola dejjem ġibditilha l-attenzjoni biex tagħlaq it-twieqi meta tixgħel l-*airconditioning.* Dak inhar tal-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-impieg tagħha, ix-xhud innutat li l-appellanta kellha t-twieqi tal-klassi miftuħin bl-*airconditioning* mixgħul *full on* waqt li kienet qed tgħallem żewġ studenti ta' età żgħira ħafna. Hija infurmat b'dan lill-assistenta tad-Direttur tal-Istudji, Joanna Busuttil, biex tkellimha għax beżgħat li jekk tkellimha l-appellanta tagħmel xi xentata. Minnufih, l-imsemmija Joanna Busuttil marret tkellem lill-appellanta u x-xhud marret warajha biex tisma. Xehedet li filwaqt li semegħt lil Joanna Busuttil tkellimha diplomatikament sabiex titfi l-*airconditioning* peress li t-twieqi kienu miftuħin u l-lezzjoni kien fadlilha ftit minuti biex tispiċċa, l-appellanta bdiet tirritalja u tgħajjat quddiem l-istudenti u setgħu jisimgħuha ukoll mill-klassijiet l-oħrajn. Użat ukoll kliem mhux xieraq. Dak il-ħin ix-xhud ħarġet barra fejn kien qiegħed jistenniha bil-karozza r-raġel tagħha u nfexxet tibki għaliex ħassitha imbarazzata. Wara ftit minuti, x'ħin ikkalmat, ċemplet lil Joanna Busuttil u dderiġietha tmur tavża lill-appellanta biex tispiċċa l-impieg immedjatament u tieħu *over* hi tal-lezzjoni għaliex kienet ikkwalifikata. Xehedet ukoll li ż-żewġt itfal li kienet qed tgħallem meta seħħ dan id-diverbju qatt ma reġgħu lura l-iskola minkejja li kellhom *account* imħallas bil-quddiem. Dawn it-tfal kienu *long term* students. Xehedet ulterjorment li kienet *policy* tal-iskola li ma jsirux diskussjonijiet dwar politika, sess jew reliġjon. Minkejja dan, fl-aħħar sitt xhur qabel it-terminazzjoni tal-impieg tagħha, hija semgħat lil appellanta tiddiskuti l-politika ma studenti Libjani darbtejn. L-ewwel darba tat direzzjoni lid-*Director of Studies* biex iwissiha u t-tieni darba widdbitha hi personalment.

- Illi **Roger De Gaetano,** ir-raġel ta' Gillian De Gaetano u direttur fl-iskola intimata xehed illi l-atteggament tal-apellanta minn Frar 2012

[2] Fol. 16 et. seq. tal-proċess.
[3] 'Dok GD3' u 'Dok GD4' a fol. 39 et. seq. tal-proċess.

inbidel. Ġiet mitkellma kemm-il darba. Meta, ġara l-inċident fit-27 ta' Ġunju 2012 u l-mara tiegħu ħarġet imbikkma u qaltlu x'kien ġara kien qalilha biex tittermina l-impieg tagħha minkejja li huwa diffiċli biex issib *replacecment teacher* dak iż-żmien tas-sena.

- Illi xehed ukoll **George De Gaetano**, it-tifel tad-diretturi u *General Manager* tal-iskola intimata. Huwa semma każ fejn ir-rikorrenti għamlet xenata fuq €3 li kellha tieħu għal xi telefonati li għamlet għan-nom tal-intimata. Meta ġara l-inċident mertu tat-terminazzjoni tagħha kien fl-uffiċċju tiegħu u sema' lill-appellanti tgħajjat u tgħid kliem mhux xieraq bl-ingliż u allura setgħu jifmuha anké l-istudenti barranin. Huwa baqa' fl-uffiċċju tiegħu sakemm l-assistenta tad-Direttur tal-Istudji, Joanna Busuttil, li kienet tidher viżibilment aġitata, talbitu biex imur magħha jkellem lill-appellanta. X'ħin daħal ġol-klassi sab l-istudenti, żewġt itfal żagħar, jibku. Kien f'dak il-ħin li Joanna Busuttil infurmat lill-appellanta bit-terminazzjoni tal-impieg tagħha on *disciplinary grounds*. Huwa wassal lit-tfal id-dar tagħhom bil-mixi għaliex kienu joqgħodu viċin u minn dik il-ġurnata ma rahomx aktar.

- Illi xehdet ukoll **Joanne Aristea Busuttil**, *Assistant Director of Studies* mal-kumpannija intimata. Fost affarijiet oħra tieħu ħsieb il-*human resources* tal-iskola. Meta ġara l-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-appellanti hija kienet ġiet mitluba minn Gillian De Gaetano tkellimha għaliex kellha l-*airconditioning* mixul u t-twieqi miftuħin fl-istess ħin. X'ħin marret tkellimha l-appellanta kienet qed tagħti lezzjoni li żewġt aħwa wieħed ta' seba' snin u l-ieħor ta' tnax-il sena li kienu ilhom jattendu l-iskola sena u nofs. Malli talbitha r-*remote* tal-*airconditioning* bdiet tgerger u tgħolli leħinha u tgħid kliem mhux xieraq b'ton aggressiv bil-lingwa Ingliża quddiem it-tfal. X'ħin ħarġet minn ġol-klassi u marret lura l-uffiċċju tagħha ċemplitilha Gillian De Gaetano u tatha struzzjonijiet tittermina l-impieg tal-appellanta. Peress li kienet għada skossa wara d-diverbju mal-appellanta u beżgħet mir-reazzjoni li talbet lil George De Gaetano jmur magħha. Meta qaltilha li kien qiegħed jiġi terminat l-impieg tagħha b'effett immedjat ma kelliex reazzjoni ħażina. It-tfal li kienet qegħda tgħallem kienu qed jibku u ma rieduhiex kompli l-lezzjoni minflok l-appellanta. L-appellanta offriet li toħodhom id-dar peró ix-xhud talbet lil Geroge De Gaetano joħodhom id-dar hu. It-tfal ma reġgħux marru l-iskola wara dan l-inċident. Lanqas ħuthom li ġieli kienu jattendu korsijiet ma reġgħu attendew. Hija stqarret li kien hemm xi inċidenti oħra fix-xhur ta' qabel peró mhux ta' dan il-kalibru. Semmiet l-inċident tat-€3 u drabi oħra fejn kienet iddiskutiet ma' xi studenti, kontra l-*policy* tal-iskola, is-sitwazzjoni politika fil-Libya. Xi xahar qabel Gillian De Gaetano kienet ukoll talbitha tkellimha fuq tlett punti: li ma tgħollix leħinha ma' oħrajn, speċjalment quddiem it-tfal, ma tiddiskutix affarijiet interni barra l-uffiċċju u biex tiddiskuti problemi mal-

ufficjali kkonċernati bil-bibien magħluqin. In kontro-eżami kkonfermat li ma ngħatawliex *warnings* bil-miktub. Mistoqsija jekk l-appellanta kinitx tilmenta dwar r-riħa tal-*airconditioning* hija qalet li l-*airconditioning* kienet issirlu *maintenance* regolari. Kellha paga tajba għalkemm kien hemm għalliema oħra ħafna aktar kwalifikati minnha li kellhom paga aħjar.

- Xehdet imbgħad l-appellanta **Eileen Leone Ganado** li kkonfermat li bdiet taħdem fuq bażi *part time* mal-appellata f' Ottubru 2000. Qalet li fis-27 ta' Ġunju 2012, waqt li kienet qegħda tagħti lezzjoni lil żewġ aħwa, daħlet Gillian De Gaetano fil-klassi u bdiet tgħajjat għaliex kellha l-*airconditioning* mixgħul u t-tieqa miftuħa. Skontha, it-tifel iż-żgħir ta' tmien snin beża' li għamel xi ħaġa ħażina bl-għajjat. Wara xi għaxar minuti daħlet fil-klassi Joanne Busuttil u talbitha r-remote tal-*aircondition 'because you're breaking our air conditioner'.* Hija qalet li ma kelliex għażla ħlief tmur l-ufficċju u ttihom lura r-*remote* tal-*aircondition.* Wara xi għaxar minuti oħra reġgħet daħlet Joanna Busuttil fil-klassi u qaltilha li kienet ġiet *dismissed*. Mistoqsija mit-Tribunal hija qalet li ma kellha problemi ma ħadd iżda Gillian De Gaetano ma kinitx isselmilha filgħodu. Żiedet li George De Gaetano kien jaf li kienet tixgħel l-*airconditioning* bit-tieqa miftuħa u meta kien jġbdilha l-attenzjoni kienet tgħidlu li kienet qed tiċċirkola l-arja tal-klassi u ma kien jgħidilha xejn aktar. In kontro-eżami ċaħdet li meta ġiet mitluba r-*remote* tal-*airconditioning* użat kliem mhux xieraq. Skont l-appellanta l-kumpannija intimata sabet pretest biex teħles minnha għaliex, fost raġunijiet oħra, għalliema oħra kienu jitħallsu inqas. Hija xehdet li lejliet dan l-inċident l-iskola riditha tiffirma kuntratt ġdid b'kundizzjonijiet u drittijiet għar milli kellha[4] u hi rrifjutat tiffirmah. Hi lmentat li l-*airconditioner* kien jagħmel riħa tinten meta tixgħelu u ma kellux *vents* biex tidħol arja ġdida minn ħin għal ħin. Dwar l-inċident tat-€3 hija ċaħdet li għamlet xenata u li ġiet imwissija meta talbet lil George De Gaetano u l-*accountant* rimbors tat-telefonati. Ċaħdet ukoll li qatt irċeviet xi twissjia talli ddiskutiet politika mal-istudenti.

8. Illi l-Qorti rat ukoll id-dokumenti li ppreżentaw il-partijiet.

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

9. Illi permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanta tilmenta li:

*"1. Illi t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta ddeċieda li l-allegat komportament tal-appellanta kien jammonta għal gross insubordination u li per konsegwenza r-raġuni tat-terminazzjoni kienet għalhekk tajba u biżżejjed skont il-liġi. In oltre', jidher ċar li fil-*

[4] 'Dok ELG1' a fol. 124 et. seq. tal-proċess

*kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal skarta għal kollox il-fatt li fix-xhieda tal-appellanta hija dejjem ċaħdet kategorikament li qalet dak il-kliem u/jew rrendiet ruħha ħatja ta' gross insubordination"*

10. Illi kif ġustament tisħaq il-kumpannija appellata, l-Artikolu 82 (3) tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li fil-każ ta' tkeċċija allegatament mingħajr kawża ġusta, ikun hemm dritt ta' appell fuq **punt ta' liġi biss**.

11. Illi l-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tipprovdi li:

"*jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal- 2002 illi d-**deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi.** Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza impunjata għax, ..., l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jgħidux. Hu suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta ...*

*Hu x'inhu, **id-deċiżjoni tat-Tribunal (Industrijali) għal dawk li huma kwistjonijiet ta' fatt hi finali u** għalhekk taħt dan l-aspett dik id-deċiżjoni mhix ċensurabbli minn din il-Qorti*[5]

12. Mill-aggravju hu evidenti li l-appellanti qegħda tippretendi li din il-qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Madankollu ma jezistix dritt ta' appell fuq punt ta' fatt.

13. Illi mis-sentenza appellata jirriżulta li t-Tribunal qies il-provi u wasal għal konklużjoni tiegħu dwar l-atteġġament tal-appellanta. Dak hu d-dmir tat-Tribunal.

14. Fl-ewwel parti tal-aggravju, l-appellanta qalet:

*"(1) Illi t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta ddeċieda li l-allegat komportament tal-appellanta kien jammonta għal gross insubordination....",*

mingħajr ma spjegat għalfejn.

15. It-Tribunal iddeċieda li l-mod kif aġixxiet l-appellanta, "*... kien inaccettabbli u kien jikkostitwixxi gross insubordination li jimmerita terminazzjoni tal-impieg"*. It-Tribunal ma qalx x'jifhem bil-kliem *gross insubordination*. Irrispettivament jekk l-atteġġament tal-appellanti

[5] **Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd,** Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006

huwiex *gross insubordination* jew le, it-Tribunal eżamina l-kondotta tal-appellanti u kkonkluda li t-tkeċċija kienet ġustifikata.

16. Illi l-appellanta qegħda tilmenta ukoll li t-Tribunal skarta għal kollox il-fatt li fix-xhieda tal-appellanta hija dejjem ċaħdet kategorikament li qalet dak il-kliem u/jew rrendiet ruħha ħatja ta' *gross insubordination*. Mis-sentenza tat-Tribunal jirrizulta li kkunsidra dak li xehedet l-appellanta, u qal:

*"Allura hawnhekk it-Tribunal irid janalizza l-kredibilita, konsistenza u komportament tax-xhieda li tressqu fejn l-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti, fix-xhieda fit-tul tagħha in eżami kif ukoll in kontro-eżami, dwar l-allegat aġir tagħha ma kinux sodisfaċenti u l-enfażi tax-xhieda tagħha kienet dwar ċirkostanzi oħra illi skont hi waslu għat-terminazzjoni tal-impieg tagħha pjuttost milli fatti li permezz tagħhom hija setgħet tirribatti allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha. It-Tribunal innota wkoll illi r-rikorrenti kienet qabżet l-eta' tal-irtirar u li minkejja t-teżi tar-rikorrenti illi s-soċjeta ntimata riedet teħles minnha, r-rikorrenti xorta nżammet fuq il-kotba tas-soċjeta intimata u baqgħet tingħata numru ta' lezjonijiet/sigħat komparabbli"*.

17. It-Tribunal effettivament ikkunsidra dak li xehedet l-appellanta. Manadnakollu, meta qies l-assjem tal-provi u analizza l-kredibilità tax-xhieda li tressqu mill-kumpannija intimata f'konfront mal-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti, ikkonkluda li effettivament ir-rikorrenti kienet aġixxiet b'mod agressiv u uzat diskors mhux xieraq quddiem studenti tal-iskola. Hu car li din il-parti tal-aggravju hi biss kritika tal-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, li kif diga' nghad minnha m'hemmx jedd ta' appell quddiem din il-Qorti.

18. Isegwi għalhekk li dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

19. Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellanta tilmenta li:

*"it-Tribunal Industrijali kien skorrett meta skarta għal kollox l-insenjament ġuridiku u l-ġurisprudenza nostrana li tobbliga lil min iħaddem li tissottoponi lill-impjegat għal process transparenti ta' smiegħ xieraq fil-kwalita' ta' xi forma ta' proċess transparenti ta' dixxiplina"*.

20. Il-qorti tinnota li fid-dikjarazzjoni tal-kaz li ppreżentat fit-Tribunal Industrijali, l-appellanta ddikjarat:-

*"Din it-terminazzjoni saret abbazi ta' tkeccija, fejn it-terminazzjoni tal-impieg ta' Ms Leone Ganado ma saritx għal raġuni valida skont il-liġi minħabba li l-appellant ma ngħatatx l-opportunita' li tiddefendi ruħha,*

*hekk kif il-kumpannija keċċiet lill-impjegata b'mod immedjat mill-post tax-xogħol u wara numru ta' jiem intbagħtet korrispondenza tinforma lis-sinjura Leone Ganado li kienet qed titkeċċa b'mod immedjat".*

21. Imbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat fis-26 ta' Frar, 2015 reġgħet iddikjarat li ma kinitx ingħatat l-opportunita xierqa sabiex tiddefendi ruħha, għaliex tkeċċiet

*"(....) on the spot mingħajr ebda tip ta' spjegazzjoni u/jew laqgħa u/jew forma ta' proċess dixxiplinarju. Għalhekk jingħad li l-proċedura addottat l-iskola konvenuta biex waslet għat-tkeċċija kient ħafna 'l bogħod minn dak mistenni taħt il-liġijiet ta' Malta li jirregolaw ir-Relazzjonijiet Industrijali u tal-ġurisprudenza nostrana u kien nuqqas serju ħafna tagħha li ma tatx lill-attriċi opportunita xierqa biex tiddefendi ruħha".*

22. Mid-decizjoni tat-Tribunal, ma jirriżultax li kkunsidra dan l-ilment.

23. Wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali ta' mpieg ta' għalliema hu li f'kull ħin taġixxi b'mod dekoruż fil-prezenza tal-istudenti u tatihom eżempju tajjeb, irrispettivament tissemmix jew le fil-kuntratt ta' impieg. L-inċident li seħħ fis-27 ta' Ġunju, 2012 kien serju ġialadarba minnu jirriżulta ksur flagranti ta' dan l-obbligu. Inċident li Gillian de Gaetano, direttur tas-soċjeta konvenuta, kienet xhud għalih. Għalhekk min ħa d-deċiżjoni li jittermina l-impieg tal-appellanta, kien jaf eżatt x'ġara u ma kellux bżonn jisma' verżjonijiet. Il-kondotta tal-appellanti kienet għal kollox inkompatibbli mad-dmirijiet tagħha ta' għalliema. Ghalkemm wieħed jista' jaqbel mal-appellanta li ma kienx floku li waqt li kienet għaddejja l-lezzjoni, tidhol fil-klassi Joanne Aristea Busuttil u tirrimarka fuq il-fatt li fil-klassi kien hemm l-*airconditioner* mixghul u t-twieqi miftuhin, ir-reazzjoni tal-appellanta kienet għal kollox *out of proportion* u żgur mhux aġir eżemplari ta' għalliema. Il-kliem insolenti li qalet fil-konfront ta' Gillian de Gaetano kien serju iktar u iktar meta tqies li ngħad fil-prezenza ta' żewġ studenti taħt l-eta'. Kliem li m'hemmx floku fi klassi.

24. Fil-każ in eżami jirriżulta wkoll li qabel tkeċċiet kien hemm drabi oħra fejn is-superjuri tagħha tkellmu magħha u wkoll tawha twissija.

25. Illi jsegwi għalhekk li dan l-aggravju wkoll għandu jiġi miċħud.

**<u>It-Tielet Aggravju.</u>**

26. Illi permezz tat-tieliet aggravju l-appellanta mbgħad tilmenta li, '*ir-raġuni li ta t-Tribunal ma kinitx waħda suffiċjenti sabiex tasal għal konklużjoni li t-tkeċċija kienet waħda ġusta u dan għaliex l-motiv tal-liċenzjament ma kienx abitwali jew ta' ċerta gravita', tant li l-inċident li*

*wassal għal din il-pendenza kien wieħed iżolat, u ma kienx hemm lanqas il-proporzjonalita' bejn is-sanzjoni estrema tal-liċenzjament u l-infrazzjoni addebitata lill-appellanta, u dan iktar u iktar meta qabel ma kienx hemm ebda twissija lill-appellanta.'*

27. Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:

    i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;
    ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.

28. F'kull każ il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-inċident ma kienx gravi. L-appellanta għamlet xenata bla bżonn **quddiem żewġt itfal ta' eta' tenera** u saħansitra quddiemhom qalet kliem mhux xieraq fil-konfront ta' superjur tagħha. Inoltre, skont ma xehedet Joanne Aristea Busuttil il-minuri spiċċaw jibku. L-appellanta kienet taf li waqt li l-*airconditioner* jkun mixgħul it-twieqi kellhom jinżammu magħluqa. Madankollu filwaqt li għamlet ta' rasha fl-istess ħin għamlet xenata. Atteġġament li ma jixraqx lill-għalliema, li għandha tkun l-ewwel persuna li tagħti eżempju tajjeb lill-istudenti. Saħansitra wara dak l-inċident, dawk iż-żewġ studenti ma reġgħux marru għal lezzjonijiet. F'dan ir-rigward Gillian de Gaetano xehedet: *"Dawn l-istudenti qatt ma erġajna rajnihom u għandhom account imħallas bil-quddiem, imma ma reġgħux gew lura"* (ara wkoll deposizzjoni ta' Busuttil). Hu veru li l-appellanta kienet ilha sa mis-sena 2001 taħdem mas-soċjeta appellata, madankollu l-aġir tagħha kien totalment barra minn loku.

29. Dan apparti li t-Tribunal ikkonkluda li l-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellanta ma kienx wieħed iżolat, kif tkompli tinsisti l-appellanta f'dan l-aggravju, iżda kien l-aħħar fost numru ta' inċidenti. Fil-fatt jirriżulta wkoll li kien hemm drabi oħra meta l-appellanta irċeviet twissija matul l-aħħar xhur fl-impieg tagħha. Hekk per eżempju, '*be more careful to sensure that I do not raise my voice at others in front of students, to ensure not to discuss internal matters outside of the office, to sensure that any pending issues are discussed with the people concerned behind closed doors'*.[6] Dan ġie kkonfermat ukoll minn Joanne Aristea Busuttil. Gillian De Geatano xehdet ukoll li f' żewġ okkażżjonijiet li semgħet lir-rikorrenti tiddiskuti politika mal-istudenti, li jmur kontra l-*policy* tal-iskola, kienet ordnat lid-*Director of Studies* biex iwissiha u t-tieni darba personalment tatha twissija.

---

[6] 'Dok GD3' u 'Dok GD4' a fol. 39 et. seq. tal-proċess.

30. Illi din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***Paul Axisa vs The General Soft Drinks Co Ltd,*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru 2009 fejn ġie deċiż illi:

*"In materja ta' "warnings" hu sintetikament spjegat mill-awtur **Norman Selwyn** fl-opra tiegħu "**Law of Employment**", (15th Edition, Oxford University Press, 2008, paġna 354) dan li ġej:-*

*1. "An employer does not need contractual power to issue warnings, but frequently this will be the subject of a disciplinary code or part of the works rules." (para.12.108);*
*2. "Nevertheless, the warning system must be operated sensibly, not merely as a form of mechanized procedure." (para. 12.109);*
*3. "A warning can deal with specific conduct which is the subject of complaint, and it should also deal with general matters, so that the totality of the employee's conduct can eventually be taken into account." (para. 12.110);*
*4. "It is for the employer to determine the nature of the disciplinary sanction, and, generally speaking, an employment tribunal should not attempt to assess whether or not a final warning should or should not have been given." (para. 12.112);*
*5. "The warning should refer to the past conduct which is the subject of complaint, and to future conduct." (para. 12.115);*
*6. "It must be stressed that there is no rule of law which requires warnings to be given in all cases; it is merely a rule of good industrial practice. Warnings are matter of substance not procedure ("**James -vs- Waltham Holy Cross UDC**")." (para. 12.119)*

*Ta' rilevanza importanti hi l-osservazzjoni ġenerali sottomessa mill-awtur ċitat illi "each case must be determined on its own merits" (para. 12.119);"*[7]

31. Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami l-aggravju hu bla bażi.

**Ghal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanta.**

Anthony Ellul.

[7] **Paul Axisa vs The General Soft Drinks Co Ltd**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 2 ta' Ottubru 2009.